**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-il Erbgħa 28 ta' Settembru 2016**

**App. Nru. 286/13 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Grace Cini**
***… omissis …***

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmija Grace Cini, detentriċi tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 200971M, u *omissis,* quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fil-31 ta' Ottubru 2008 u fil-ġranet ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:

a. b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex iġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligħ b'qerq ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-detriment ta' Stefan Carabott jew;

b. serqu flus, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna, kif ukoll bil-valur ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-detriment ta' Stefan Carabott;

c. fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, mingħajr awtoriżżazzjoni, użaw il-kodiċi ta' dhul, *password*, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz ieħor ta' dħul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna oħra f'*computer*;

d. fl-istess żmien, lok, u ċirkostanzi, ikkommettew serq ta' *HSBC VISA Gold Card*, li l-valur tagħha mhuwiex iżjed minn tlieta u għoxrin Ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29) għad-detriment ta' Stefan Carabott, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna;

**2.** Lil **<u>Grace Cini waħidha</u>** talli kisret il-provvedimenti tal-Artikolu 28A *et sequitur* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, billi kisret il-kundizzjonijiet imposti fuqha b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati datata 15 ta' Frar 2006.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu ml-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Ġunju 2013 fejn dik sabet ħtija u, wara li rat l-artikoli 18, 261, 267, 268, 279, 285, 337B, 337C, u 337F tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannat lill-imsemmija Grace Cini għal piena karċerarja effettiva ta' sena u nofs u, wara li rat ukoll l-artikoli 28B u 28C tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat, b'referenza ghall-ksur tas-sentenza sospiża ta' sentejn, li tali piena karċerarja tidħol fis-seħħ;

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta' Grace Cini ppreżentat fil-21 ta' Ġunju 2013, fejn talbet li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberaha minn kull ħtija u piena u okkorrendo ikun il-każ, subordinatament tipprovdi għal piena aktar miti u idoneja;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet ix-xhieda; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellanti huma s-segwenti:

"Illi hija l-fehma umli tal-appellanta li l-Ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment issib htija fil-konfront tal-appellanta u dan ghar-ragunijiet li ser jigu hawn esposti;

"Illi l-appellanta umilment tissottometti illi ghalkemm huwa konsapevoli mill-fatt li, kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, il-Qorti tal-Appell ma tissostitwixxix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta ta' apprezzament tal-fatti, huwa wkoll palezi li l-Qorti tal-Appell ghandha s-setgha li taghmel ezami approfondit tal-istess fatti biex tara jekk il-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu jirrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor il-Qorti tal-Appell ghandha s-setgha tara jekk il-konkluzjoni li waslet ghaliha l-Ewwel Qorti kienitx wahda *'safe and satisfactory'* fid-dawl tar-rizultanzi;

"Illi f'dan ir-rigward, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-appellanta temmen li l-Ewwel Qorti qatt ma setghet sabet htija ghall-akkuzi addebitati lilha b'mod li ragonevolment jista' jitqies bhala *'a safe and satisfactory conclusion'*;

"Illi l-Qorti jidher li strahet hafna fuq ix-xhieda ta' Stefan Carabott, il-*parte civile* f'dawn il-proceduri;

"Illi dan Carabott jahdem bhala bidwi l-pitkalija. Il-paga u tista' tghid l-introjtu kollu tieghu kien jidhol fil-kont tal-bank tieghu;

"Illi l-appellanta kellha relazzjoni ma' Carabott. Fuq insistenza ta' Carabott stess, l-appellanta flimkien maz-zewg uliedha marret tghix mieghu. Kienet tnaddaf, issajjar u tiehu hsieb l-affarjiet kollha tad-dar;

"Illi peress illi Carabott ma kienx ikollu flus kontanti, u peress li xi hadd ried ihallas l-ispejjez tal-hajja ta' kuljum, Carabott, minn zmien ghal zmien kien jibghat lill-appellanta biex tigbed xi flus mill-*credit card* tieghu. Kien jaghtiha l-PIN number fuq karta u kif tmur lura kienet taghtihielu lura. Il-flus kien izomm parti minnhom hu u kien jaghti lill-appellanta l-parti l-ohra sabiex tixtri affarjiet ghad-dar bhal ikel, *detergents* u affarijiet ohra;

"Illi jidher li t-tifel tal-appellanta Wayne Catania, skopra fejn kien Carabott kien qed izomm il-karta bil-PIN number. Jidher ukoll li dan Wayne Catania xi drabi jisraq il-VISA card u l-PIN minghajr awtorizzazjoni jigbed il-flus minn din il-card;

"Illi l-appellanta tissottometti illi dan is-serq Wayne Catania ghamlu minghajr ma kienet taf hi;

"Illi l-appellanta tissottometti wkoll illi kien hemm okkazjonijiet fejn Wayne Catania akkumpanjaha meta marret tigbed il-flus mill-ATM biex imbaghad flimkien imorru jaghmlu x-xirja. Pero`, l-appellanta tikkontendi illi kull meta gibdet xi flus, hija dejjem kienet awtorizzata minn Carabott u kull sold li nefqet minn dawk il-flejjes li ngibdu, kien dejjem bil-permess tieghu.

"Illi gara li l-appellanta u Carabott iddecidew li ma jibqghux flimkien u wara xi zmien Carabott skopra li kellu xi flus neqsin mill-kont;

"Illi ghalkemm Carabott kien jaf li dawn il-flus kien hadhomlu Wayne Catania, huwa ippersista li jirraporta wkoll lill-appellanta wara li din irrifjutat li tmur lura tghix mieghu;

"Illi l-appellanta temmen li mill-assjem tal-provi kollha prodotti, il-prosekuzzjoni ma lahqitx il-livell ta' prova necessarja biex tinstab htija fi proceduri kriminali;

"Illi certament, il-prosekuzzjoni, ma pruvatx lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-appellanta gibdet xi flus minghajr l-awtorita` tal-*parte civile* u/jew li kienet taf li binha Wayne Catania kien qed jisraq il-flus mill-*credit card* tal-partner taghha;

"Illi dan id-dubbju ghandu kif dejjem jigri fil-kamp kriminali jimmilita favur l-appellanta li tibqa' ssostni li m'hijiex hatja tar-reati addebitati lilha, izda hija biss vittma ta' theddid tal-*parte civile* u tal-azzjonijiet ta' binha, li ghalihom ma ghandhiex tirrispondi hi.

"Aggravji dwar il-piena

"Illi fl-umli fehma tal-appellanta, il-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet wahda eccessiva u mhux idoneja.

"Illi l-appellanta ghaddiet minn hajja difficli hafna minhabba d-dipendenza li kellha fuq id-droga.

"Illi llum il-gurnata, l-appellanta ilha *clean* ghal tul ta' zmien u regghet qed tibni hajjitha mill-gdid.

"Illi ghaldaqstant, l-appellanta temmen li piena karcerarja komplessiva ta' tliet snin u nofs se tkisser dak kollu li rnexxielha tibni f'dawn l-ahhar sentejn u m'hijiex se sservi jew taqdi l-element riformattiv li huwa parti essenzjali minn kull piena imposta mill-Qrati taghna;

"Illi certament l-appellanta tikkwalifika ghall-pieni alternattivi bhal servizz fil-komunita` kif ukoll ghall-imposizzjoni ta' ordni ta' *probation*;

"Illi inoltre, l-Ewwel Qorti kellha s-setgha li fir-rigward tal-ksur tas-sentenza sospiza, tastjeni milli taghmel ordni bis-sahha tal-Artikolu 28B(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jew testendi l-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28B(1)(b) tal-istess Kapitolu;

"Illi l-appellanta tifhem li din il-Qorti tara mijiet ta' sottomissjonijiet ta' dan it-tip. Pero` l-appellanta tassigura l-Qorti li l-kaz taghha huwa wiehed genwin u ghal dawn il-finijiet ser tipprezenta ma' dan l-appell, rikors sabiex jekk joghgobha l-Qorti, jithejja *social enquiry report* sabiex din l-Onorabbli Qorti jkollha stampa aktar cara ta' minn xhiex ghaddiet minnu l-appellanta fil-passat u dak li rnexxielha taghmel illum.

**6.** L-ewwel aggravju jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. F'dan ir-rigward il-ġurisprudenza in materja ta' din il-Qorti hi ċara u kostanti fis-sens li

din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi, b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita` biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti.

**7.** Din il-Qorti għalhekk eżaminat bir-reqqa l-provi kollha miġjuba quddiem l-ewwel Qorti. Issa, fir-rikors ta' appell l-appellanti tinsisti illi meta hija ġibdet il-flus mill-ATMs bl-użu tal-*VISA card* ta' Stefan Carabott, dan għamlitu bil-permess ta' l-istess Carabott. Dak li qed tallega l-appellanti, pero`, ma jirriżulta minn ebda prova. Huwa biss tentattiv fjakk biex tipprova triskolpa lilha nnifisha.

**8.** Mix-xiehda ta' Stefan Carabott jirriżulta illi huwa laqa' ġewwa daru għal madwar tliet xhur lill-appellanti u tnejn minn uliedha, fosthom Wayne Catania li kien ko-imputat magħha. Mill-*istatement* tal-HSBC tal-VISA tiegħu, jirriżulta li bejn il-15 ta' Ottubru 2008 u l-31 ta' Ottubru 2008 saru diversi *withdrawals* minn dan il-kont. Huwa jiċħad li għamel dawn il-*withdrawals*, u hekk informa lill-Bank li, mir-riċerka li saret mill-*videos* tal-*cameras* stallati ma' numru ta' ATMs, irriżulta li uħud minn tali w*ithdrawals* saru mill-appellanti u oħrajn minn Wayne Catania. Stefan Carabott jiċħad li qatt ta l-*VISA card* u l-*PIN number* lill-appellanti u lil binha. Huwa wkoll immaterjali min minn fost l-appellanti u binha ġie l-ewwel fil-pussess tal-*VISA card* u l-*PIN number* għax kienu t-tnejn li ġibdu flus mill-kont mingħajr il-permess ta' Carabott u għandhom għalhekk jitqiesu bħala ko-awturi.

**9.** Għaldaqstant l-ewwel Qorti setgħet raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni ta' ħtija li waslet għaliha.

**10.** Kwantu għall-piena, m'hemmx dubju li l-fedina penali ta' l-appellanti hi waħda kkulurita, probabilment rifless tat-trobbija xejn feliċi u ċirkostanzi sfortunati li sabet ruħha fihom. Jidher li bħalissa qiegħda sservi sentenza ta' priġunerija, u mhux biss qed iżżomm 'il bogħod mid-droga iżda anke qed taħdem bħala ħajjata. Fis-*social inquiry report* imhejji mill-uffiċjal tal-*probation* Deborah Farrugia jingħad li jkun għaqli li l-appellanti "tibqa' attiva fuq xogħol anke sakemm qiegħda tiskonta s-sentenza ta' priġunerija minħabba li dan joffrilha sens ta' stabbilita` u jgħinha żżomm 'il bogħod mill-vizzji; kif ukoll, jagħtiha sens ta' responsabbilita` u sodisfazzjon. Tinħass anke l-ħtieġa li f'każ li fil-futur ikun hemm il-bżonn li tingħata xi tip ta' għajnuna, Grace Cini tagħmel kuntatt ma' aġenziji li joffru servizzi meħtieġa għal dak li tkun għaddejja minnu."

**11.** Meqjus kollox, ikkunsidrat il-fatt li l-vittma ma ġie rifuż xejn mis-somma li tteħditlu frawdolentement, ikkunsidrat ukoll li mill-istess fedina penali jirriżulta, almenu *prima facie*, li l-Qrati kienu klementi ma' l-appellanti diversi drabi bl-għoti ta' *conditional discharges* u sentenzi sospiżi ta' priġunerija, din il-Qorti mhijiex propensa li tikkunsidra piena alternattiva għal dik karċerarja.

**12.** Il-piena nflitta mill-ewwel Qorti għar-reati miġjuba kontra l-appellanti hi dik ta' sena u nofs priġunerija. Meta jitqies li l-piena dwar l-ewwel imputazzjoni biss hi dik ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa seba' snin, u dan mingħajr anke l-applikazzjoni ta' l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali fejn il-piena għal dik l-ewwel imputazzjoni setgħet telgħet sa massimu ta' għoxrin sena, m'hemmx dubju li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti hi waħda minima.

**13.** L-ewwel Qorti, pero`, ordnat li tiġi fis-seħħ is-sentenza ta' sentejn priġunerija li ngħatat bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-15 ta' Frar 2006. Minn eżami tal-fedina penali deher, pero`, li b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-19 ta' Novembru 2011, dik il-Qorti ttrattat ma' l-istess appellanti għal ksur ta' l-istess sentenza sospiża u ordnat l-estensjoni ta' dik is-sentenza sospiża għal perijodu ulterjuri ta' erba' snin. Għalhekk l-ewwel Qorti ma setgħetx tordna li dik is-sentenza sospiża tiġi fis-seħħ. Naturalment l-ewwel Qorti ddeċidiet kif iddeċidiet għax kienet sprovvista minn fedina penali aġġornata meta ġiet biex tippronunzja s-sentenza. Din il-Qorti, wara li rat dak li kienet tgħid il-fedina penali aġġornata, ordnat lir-Reġistratur sabiex jesebixxi kopja uffiċjali ta' l-imsemmija sentenza tad-19 ta' Novembru 2011. Permezz ta' nota tat-12 ta' Awwissu 2016, ġiet esebita kopja uffiċjali ta' l-imsemmija sentenza u minn hemm jirriżulta li l-istess appellanti nstabet ħatja fuq ammissjoni tagħha stess tar-reat ta' pussess ta' eroina kontra l-liġi u minbarra li ġiet ikkundannat għall-ħlas ta' multa, il-Qorti tal-Maġistrati "wara li rat l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed testendi s-sentenza mogħtija fil-15 ta' Frar, 2006 sospiża ta' sentejn priġunerija sospiżi għal erba' (4) snin jibdew jiddekorru" mid-data ta' l-istess sentenza tad-19 ta' Novembru 2011.

**14.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu wara li rat ukoll l-artikoli 28B u 28C tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat, b'referenza ghall-ksur tas-sentenza sospiża ta' sentejn, li tali piena karċerarja tidħol fis-seħħ, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin għal dak li ntqal fis-*social inquiry report* u ċitat f'paragrafu għaxra (10) *supra*.